MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 220/2012

**Mirage Holdings Limited (C-6808)**

**Vs**

**Alfred Spiteri De Barro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti talbet sabiex l-intimat jghid il-ghaliex m'ghandhux ikun ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' rikorrenti l-ammont ta' ghaxart elef, erba' mija u hdax-il ewro u wiehed u erbghin centezmu (€10,411.41) kwantu ghal disat elef, erba' mija wiehed u tletin ewro, wiehed u erbghin centezmu (€9,431.41) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata, kwantu ghal disa' mija u tmenin ewro (€980) bhala interessi dovuti fuq l-istess ammont. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghaxijiet

ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Int ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess u li fiha deher l-istess intimat u ammetta dak kollu mitlub fl-istess rikors promotur b'dan li din is-sentenza tkun tista' tigi esegwita wara l-iskadenza ta' sena millum stess.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimat li jhallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' ghaxart elef, erba' mija u hdax-il ewro u wiehed u erbghin centezmu (€10,411.41) bl-imghax legali ulterjuri mit-28 ta' Gunju, 2012 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-28 ta' Gunju, 2012. Inoltre, skont kif premess u miftiehem mill-partijiet quddiem il-Qorti, l-istess Qorti tordna li din is-sentenza tista' tigi esegwita mis-26 ta' Settembru, 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------